# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 5 ta' Dicembru, 2019.**

**Numru 25**

**Rikors numru 177/15 AGV**

**Ronald Asciak**

**v.**

**Antonia Asciak**

Preliminari

1. Dan hu appell maghmul mill-attur minn sentenza[1] [is-sentenza appellata] moghtija mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] fil-21 ta' Novembru 2018 li permezz taghha dik il-Qorti cahdet it-talba tieghu ghall-waqfien

[1] Vol.2 Foll.282 et seq.

tal-komunjoni tal-akkwisti pendenti l-proceduri ta' separazzjoni personali pendenti bejn il-partijiet; spejjez rizervati.

Il-Fatti

2. Jirrizulta pacifiku li l-partijiet ilhom de facto separati ghal circa 9 snin meta l-attur telaq mid-dar matrimonjali [villa] u mar jghix ghal rasu, allegatament ma' mara ohra, filwaqt li l-konvenuta baqghet tghix fid-dar matrimonjali kollox allegatament imhallas mill-attur. L-attur jiggestixxi negozju li jidher li jirrendi tajjeb, u l-konvenuta s'issa ma ghandha ebda ilment dwar manteniment taghha. Il-kawza ta' separazzjoni waslet fl-istadju fejn l-attur ezawrixxa l-provi tieghu u qed tigi differita ghall-provi tal-konvenuta.

Is-Sentenza Appellata

3. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Il-partijiet izzewwgu fl-14 ta' Awwissu, 1971 u minn dan iz-zwieg twieldet tifla wahda Rachel Cutajar nee' Axiaq, li illum hija maggorenni.
>
> "Ir-rikorrent pprezenta r-rikors guramentat tieghu ghas-separazzjoni personali, fit-3 ta' Awwissu, 2015. Fost it-talbiet ohra komuni f'dawn il-kawzi, hu talab, ix-xoljiment, il-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-kommunjoni tal-akkwisti.

“Illi l-intimata pprezentat ir-risposta taghha u m’opponitx li jsir ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti.

“Ir-rikorrent qed jitlob it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ghab-bazi ta’ fatturi differenti, primarjament peress li hu qed ighix f’appartament bil-kera u ilu jghix hekk ghal dawn l-ahhar disgha snin, filwaqt li martu qiedgha tghix fid-dar matrimonjali, li donnha mill-provi tirrizulta li hija kbira, bil-gnien, bl-iswimming pool, bil-handy man u cleaner kollox ghas-spejjes tieghu.

“Fattur iehor li jinsisti fuqu r-rikorrent huwa li martu l-intimata qed ittawwal il-proceduri ghaliex hi tinstab komda kif inhi, billi qed ihallsilha l-ispejjes kollha, minkejja li hu kien gia’ ghamilha cara li ma kellu l-ebda problema li martu tibqa’ tghix fid-dar matrimonjali a spejjes tieghu sa tmiem il-proceduri.

“Ighid ukoll li jekk ikun hemm terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, mhux se johloq pregudizzju proporzjonat lill-intimata peress li ghal aktar minn 10 snin kellhom kontijiet bankarji separati, salv ghal xi investimenti kongunti.

“L-Artikolu 55 (1) tal-Kodici Civili, jaghti d-dritt lil kull parti f’kawza ta’ separazzjoni personali, li fil-pendenza tal-istess kawza, titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.

“Skond is-subinciz (2) tal-istess artikolu, l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni ghandha tinghata b’sentenza u skond is-subinciz (3) l-ordni tal-waqfien tkun tghodd minn meta s-sentenza tghaddi in gudikat.

“Is-subinciz (4) tal-istess artikolu jghid hekk:-

> *“Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f’dan l-artikolu, il-Qrati ghandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.”*

“Skond is-subinciz (6) tal-istess artikolu meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni fil-bidu tal-kawza tal-firda, dan ghandha taghmlu mill-jum li s-sentenza tal-firda tkun finali u konkluzziva.

“Minn dan jirrizulta li t-talba ghall-waqfien m’ghandhiex tinghata jekk parti tkun ser isoffri *“pregudizzju mhux proporzjonat.”* Inoltre, l-oneru tal-prova ta’ dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skond il-principju *incumbit ei qui dicit non ei qui negat.*[2]

“L-intimat fir-risposta taghha tissottometti li mhuwiex minnu li bhala koppja kienu ilhom bil-problemi sakemm bdew il-proceduri ta’

---

[2] Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi App.28/3/2014

separazzjoni, izda l-akbar diffikolta' kienet meta r-rikorrent telaq mid-dar matrimonjali ghax kellu relazzjoni ma' Suzanne Ciantar, li ammetta hu stess li kellu din ir-relazzjoni ferm qabel ma telaq lill-martu l-intimata. L-intimata tghid li sallum ghadu maghha, jghixu flimkien u jsiefru ta' spiss.

"L-intimata tinsisti li jekk jigi awtorizzat ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti hi tkun qed tbati "*pregudizzju mhux proporzjonat"* u dan peress li l-provi prodotti mhux konkluzzivi, ghax kien ghad fadal li tipproduci aktar provi dwar il-komunjoni, anke fir-rispett dwar l-investimenti bankarji taghhom, mhux kif allega r-rikorrent. Tichad ukoll li hi qed taghmel minn kollox biex ittawwal il-proceduri ta' separazzjoni, ghaliex kienet bdiet bil-provi, imbaghad kien hemm zmien fejn kienu qed jesploraw il-possibilita' ta' separazzjoni konsenswali. Tinsisti ukoll li r-rikorrent ma ppruvax x'inhu l-agir irresponsabbli u rragonevoli taghha.

"In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Josette Gatesy Lewis, wife of Irme Gatesy, in her own name as well as curator on behalf of the minor child, Alexander Gatesy vs Andy Irme Gatesy Rikors Numru 188/05JA, il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) b'sentenza tal-4 ta' Dicembru, 2015** laqghet it-talba tal-konvenut u ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet billi ghaddew 10 snin mill-bidu tal-kawza ta' separazzjoni personali u l-attrici kienet ghadha ma kkonkludietx il-provi taghha. Il-Qorti osservat li f'dawn ic-cirkostanzi kien ragjonevoli ghall-konvenut li jaghmel talba simili.

"Il-Qorti tal-Appell b'sentenza tat-30 ta' Settembru, 2016 ikkonfermat id-decizjoni tal-Ewwel Qorti u ddikjarat-

> ***".....it is this Court's view that the excessively and objectively unjustified delay on part of the plaintiff in concluding her evidence is delaying unnecessarily the progress and the eventual closure of the proceedings. There is no doubt that this very long delay is making it impossible for defendant to conclude and settle his financial affairs vis-a'-vis plaintiff who at present, notwithstanding her initial request for the cessation of the acquests and the personal separation from the defendant, is still entitled to half the earnings of defendant as well as to half of his assets. In these circumstances, rejecting defendant's request would cause him prejudice in terms of the sub-article aforementioned."***

"Ikkunsidrat;

"Il-Qorti tinnota li l-kawza nfethet fis-sena 2015 u sal-bidu tas-sena 2017, ir-rikorrent kien ghadu ma kkonkludix ix-xhieda tieghu. Kien biss f'Gunju, 2017 li l-intimata pprezentat l-affidavit taghha u bdiet bil-provi u anke mill-istess verbali jirrizulta, kif xehdet l-intimata li kien hemm tentattivi ghal separazzjoni bonarja. Dawn it-tempi

mhumiex ta' barra minn hawn, huma pjuttost ragjonevoli fil-process ta' separazzjoni!

"Il-Qorti kkunsidrat ukoll illi r-rikorrent jiggestixxi negozju taht kumpanija Business and Management and Services Limited u kien ghadu jmexxiha sal-gurnata ta' llum, qisu ghandu 50 sena, meta ghandu 70 sena.

"Din il-Qorti hasbet fit-tul fir-rigward u huwa fid-dover taghha li tevalwa jekk bix-xoljiment tal-komunjoni fil-mori tal-kawza xi parti jew l-ohra hux ser tbati pregudizzju u f'kaz affermattiv jekk tali pregudizzju jikkwalifika bhala "*mhux proporzjonat*."

"B'din id-disposizzjoni tal-ligi li ried il-legislatur huwa "li mhux kull pregudizzju ghandu jservi ta' ostakolu sabiex tintlaqa' t-talba skond l-Artikolu 55, izda jehtieg li l-pregudizzju jkun tali li jikkwalifika bhala sproporzjonat."[3]

"Fil-fehma tal-Qorti, wara li kkunsidrat is-sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet tikkonkludi li sallum ingabru ftit wisq mill-provi tal-partijiet u ghalhekk huwa kompitu difficili ghall-Qorti biex ikollha stampa cara tal-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Oltre minn hekk, il-Qorti thoss li r-rikorrent mhux qed jigi ppregudikat billi qed ihalli lill-martu tghix fid-dar matrimonjali u jhallas l-ispejjes relatati mal-istess, dan aktar u aktar meta ghadu jmexxi negozji tal-kostruzzjoni li sas-sena 2014 kien qed irendi cirka €50,000, ighix ma' mara ohra u ta' spiss isiefru u jghixu hajja tajba. Jekk din il-Qorti kellha tawtorizza l-waqfien tal-komunjoni, hemm certi perikoli x'jista' jsir bin-negozju, li jista' joholqu pregudizzji sproporzjonati lill-intimata, li diga' allegat fuq xi tbabiz f'xi investimenti u addiritura lanqas ghada ma kellha l-opportunita' li tipproduci provi fuqhom.

"Fil-fehma tal-Qorti, wara li gharblet sew is-sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet fir-rigward qed tikkonkludi illi x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju meta ghadu mhux stabbilit definittivament il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti, jirreka pregudizzju mhux proporzjonat fuq l-intimata."

## L-Appell

4. L-attur appella b'rikors ipprezentat minnu fl-10 ta' Dicembru 2018 li ghalih il-konvenuta pprezentat risposta fis-17 ta' Jannar 2019.

---

[3] Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi – App.28/3/14

5. L-appell tal-attur huwa bazikament bazat fuq zewg aggravji: [1] li ma jezistix ir-rekwizit ta' pregudizzju mhux proporzjonat kontemplat fl-artikolu 55 tal-Kodici Civili u li, [2] il-ligi ma taghmix limitu ta' zmien jew stadju li fih parti tista titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti pendenti kawza ta' separazzjoni.

6. Abbazi ta' dawn l-aggravji l-attur qed jitlob li s-sentenza appellata tigi revokata u li t-talba tieghu ghal waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju tigi milqugha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuta appellata.

7. Il-konvenuta min-naha taghha qed toggezzjona ghat-talba tal-attur u, ghar-ragunijiet spjegati minni fir-risposta taghha, qed titlob li l-appell tal-attur jigi michud u s-sentenza appellata tigi konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

L-Aggravji

*L-Ewwel Aggravju*

8. Dan hu fis-sens li l-konvenuta ma spjegatx kif bil-waqfien tal-komunjoni ser issofri pregudizzju mhux proporzjonat; il-konvenuta qed

isserrah it-tezi taghha fuq is-sottomissjoni konsistenti f'dikjarazzjoni taghha li ser issofri tali pregudizzju peress li l-provi prodotti mhumiex konklussivi ghaliex ghad fadal li tipproduci l-provi dwar il-komunjoni tal-akkwisti inkluz l-investimenti bankarji taghhom.

9. L-attur jissenjala li, *dato non concesso* l-fatt li l-provi dwar l-akkwisti ghadhom mhux maghluqa, dan mhuwiex ta' ostakolu ghat-talba tieghu stante li il-provi jistghu jitkomplu jitressqu fi kwalunkwe kaz b'mod li jirrifletti s-sitwazzjoni fid-data tat-terminazzjoni. Il-konvenuta mhux biss ma spjegatx b'mod car f'hiex jikkonsisti l-pregudizzju allegat minnha, talli minkejja li l-kawza waslet fl-istadju tal-provi taghha ma ghamlet ebda talba biex iggib provi dwar l-allegazzjoni taghha.

10. Huwa jkompli jispjega hekk dan l-aggravju:

> "F'dan ir-rigward, huwa ferm erroneu u preokkupanti l-fatt illi l-Ewwel Onorabbli Qorti strahet fuq il-fatt illi l-appellata, fir-risposta taghha ghar-rikors tat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, '*allegaqt fuq xi tbaghbis f'xi investimenti u addirittura lanqas ghadha ma kellha l-opportunita` li tipproduci provi fuqhom*".
>
> "Fl-ewwel lok, jidher car *ad ictu oculi* illi **<u>l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt tistrieh fuq allegazzjoni biss imressqa mill-appellata, ghaliex il-Qrati taghna ma jistrihux fuq meri allegazzjonijiet, izda huma qrati tal-gustizzja illi jridu jiddeciedu fuq l-iskorta tal-provi.</u>**
>
> "Inoltre, din hija allegazzjoni fiergha, u fi kwalunkwe kaz m'ghandha ebda ness mat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. **<u>Kieku verament – ghall-grazzja tal-argument biss – l-esponenti b'xi mod baghbas l-investimenti, allura l-hsara tkun diga` saret, u bl-ebda mod ma tista' tikkwalifika bhala pregudizzju u sproporzjonat illi jiggustifika c-cahda tat-talba tal-esponenti. Anzi, bil-fatt illi jkun hemm it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, l-appellata tkun aktar protetta ghaliex issir padrun u sid assolut tal-beni taghha wara tali data, b'mod illi, certament, l-esponenti ma jkun jista' bl-ebda mod</u>**

**<u>jabbuza minnha – abbuz illi, fi kwalunkwe kaz, qatt u qatt ma sar mill-esponenti.</u>**

"F'dan ir-rigward, l-esponenti jirrileva illi **<u>huwa stess ipproduca bhala xhieda lir-rapprezentanti tal-*Malta Stock Exchange* (nhar id-9 ta' Frar 2017) u ma kien hemm xejn milli jwaqqaf lill-appellata milli taghmel il-kontro-ezami relattiv sabiex tipprova din l-allegazzjoni infami taghha, jew jekk stess kellha bzonn aktar zmien, terga' tingungi lil dan ix-xhud tant essenzjali hekk kif tibda tressaq il-provi taghha, sabiex b'hekk turi l-agir ta' zewgha!</u>** L-appellata ma ghamlet xejn minn dan, izda biss tefghet allegazzjoni ghal kollox inveritiera.

"Fin-nuqqas ta' prova kuntrarja li kienet fuqha tinkombi, ma hemm ebda dubju skont il-Ligi illi l-appellata effettivament m'hi ser issofri ebda pregudizzju – wisq anqas pregudizzju sproporzjonat – bit-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, u kwindi t-talba tal-esponenti kellha tintlaqa'.

*It-Tieni Aggravju*

11. Dan hu fis-sens li, kif jirrizulta manifest mill-artikolu 55 [1] it-talba ghal waqfien tal-komunjoni tista' issir *"f'kull zmien matul is-smigh tal-kawza tal-firda",* u ghalhekk mhux rikjest li tali talba bilfors issir u tigi deciza wara l-gheluq tal-provi dwar il-komunjoni tal-akkwisti, kif indikat fis-sentenza appellata, *multo magis* meta, bhal fil-kaz odjern il-provi dwar il-konsistenza tal-assi tal-komunjoni diga` tressqu mill-attur li min-naha tieghu iddikjara konkluzi l-provi fir-rigward.

12. L-attur ikompli jfisser hekk dan l-aggravju:

"Ghal kull buon fini, jigi rilevat ukoll illi hija skorretta s-sentenza appellata meta jinghad illi sal-lum ingabru ftit wisq provi, stante illi effettivament l-esponenti ressaq il-provi kollha dwar il-beni tal-partijiet, ghalkemm **<u>l-appellata ghal ragunijiet lilha biss noti, naqset milli taghmel il-kontro-ezamijiet necessarji meta kien hemm ix-xhieda b'mod illi kjarament qieghed johloq dewmien li minnu l-istess appellata qieghda tittenta illi tibbenefika ingustament</u>** u sahansitra

bdew jitressqu wkoll il-provi tal-konvenuta ghalkemm din tal-ahhar qieghda tillimita ruhha illi terga' tressaq biss lix-xhieda illi diga` gew prodotti mill-esponenti."

13. Min-naha taghha l-konvenuta tirribatti ghal dawn l-aggravji bil-mod segwenti.

"7. Illi meta, fis-sentenza taghha, l-Ewwel Onorabbli Qorti irriteniet illi mill-provi prodotti mill-partijiet, l-attur mhux qed jigi pregudikat billi qed ihalli lil martu tghix fid-dar matrimonjali u jhallas l-ispejjez relatati mal-istess, dan aktar u aktar meta huwa ghadu qed imexxi negozju tal-kostruzzjoni li sas-sena 2014 kien qed irendi circa €50,000, kien qieghed jghix ma' mara ohra u jivvjagga ta' spiss u jghix hajja tajba, kienet perfettament korretta ghax irriflettiet, korrettement, l-istat ta' fatt.

"8. Il-Qorti kompliet tirritjeni, fis-sentenza parzjali taghha, illi jekk kellha twaqqaf il-komunjoni tal-akkwisti, hemm certi perikli x'jista' jsir bin-negozju tal-attur, li jista' johloq pregudizzji sproporzjonat lill-intimata, li diga` allegat xi tbaghbiz f'xi investimenti u addirittura ghadha lanqas ma kellha l-opportunita` li tipproduci provi fuqhom.

…………………………………………..

"11. Huwa korrett l-appellanti li jissottometti illi '*L-unika raguni provduta fil-ligi illi abbazi taghha tista' tigi michuda it-talba imressqa mill-esponenti (l-attur) hija f'kaz illi tali decizjoni tista' tohloq pregudizzju sproporzjonat fuq l-appellata'.* Huwa korrett li jaghmel dikis-sottomissjoni u precisament ghax ghamlet dak l-apprezzament meqjus illi l-Onorabbli Qorti tal-Ewwel istanza waslet ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha u cioe` li bl-akkoljiment tat-talba attrici, l-esponenti appellata kienet tbaghti pregudizzju sproporzjonat. Il-Qorti ma laqghetx it-talba maghmula mill-attur appellant biex tippronunzja it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju ukoll minhabba li ghad ma ghandhiex stamp acara bizzejjed tal-konsistenza tal-assi tal-partijiet.

"12. Illi t-tort ghall-firda ta' bejn il-partijiet huwa l-adulterju sfaccat tal-attur, li, wara li kien ilu adulterju ghal snin twal – u, adulterju kif kien, xorta baqa' jghix fid-dar konjugali ma' l-esponenti ghal snin twal – fl-ahhar telaq mid-dar biex mar jghix permanentement ma' mara ohra. Il-fatt li mar jghix ma' mara ohra hija ghazla tieghu u li hadd ma jista' jzommu milli jaghmel izda ghal kull azzjoni hemm l-effett u allura l-azzjoni tal-attur ma ghandux jkollha l-effett li tbaghti l-appellata. L-Onorabbli Qorti ta' Prim'Istanza hasset li bl-akkoljiment tat-talba tal-attur l-esponenti sejra tigi pregudikata.

"13. Illi l-appellanti jishaq illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt tistrieh fuq allegazzjoni biss imressqa mill-appellata ghaliex il-Qrati taghna ma jistrihux fuq meri allegazzjonijiet, izda huma qrati tal-gustizzja illi jridu jiddeciedu fuq l-iskorta tal-provi. Dan huwa veru u korrett u precisament minhabba il-fatt li l-esponenti ma kellhiex l-opportunita` li tressaq il-provi kollha taghha – per ezempju, sa issa, l-esponenti ghad ma kellhiex l-opportunita` biex tressaq provi illi, l-attur appellant, ad insaputa taghha biegh investimenti li kellha registrati f'isimha u spiccat minghajrhom fuq firma falza – illi l-Qorti ma tistax tasal, serenament, li tilqa' it-talba tal-appellanti.  Lanqas ma kellha l-opportunita` l-esponenti, sa issa, illi tipprova illi huwa qieghed jigbed eluf ta' Ewro mill-kumpanija tieghu stess ghall-ghixien, b'mod pjuttost sfrenat, tal-hajja tieghu.

"14. Illi l-appellanti imbaghad jissottometti ukoll bil-fatt li jkun hemm it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti qabel il-konkluzjoni tal-gbir tal-provi mhiex ser tilledi id-drittijiet tal-esponenti.

"15. Illi bir-rispett kollu certament illi jekk l-Ewwel Onorabbli Qorti ma jkollhiex l-istampa kollha kemm hi tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti hija ma tistax taqta' u ixxolji l-istess komunjoni.  Biex tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti jehtieg illi l-Qorti ikollha l-istampa kollha kemm hi.  Nofs lehja ma tistax tkun.

…………………………………………….

"17. Din il-Qorti, fil-kaz in ezami, hasset li ma kienetx f'posizzjoni tali li tiddikjara ix-xoljiment tal-komunjoni u bir-rispett kollu, din il-Qorti ta' Revizjoni, ma tistax, minghajr ma tintralcja serjament fl-andament ta' kif ghandha tmexxi il-kawza l-Ewwel Qorti, tbiddel tali diskrezzjoni."

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

14. Ghal dak li huma osservazzjonijiet ta' natura guridika din il-Qorti a skans ta' ripetizzjoni taghmel referenza ghall-principji legali u gurisprudenzjali migbura fis-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet: App.C **Daniela Mizzi v. Duncan Mizzi** deciza fit-28 ta' Marzu 2014; App.C **Pierre Darmanin v. Louise Darmanin** deciza fl-14 ta' Marzu 2019 u

App.C **Dorianne Sammut v. Carmelo Sammut** deciza fil-31 ta' Mejju 2019.

15. Fil-mertu din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

16. Fl-ewwel lok tosserva li, minkejja li l-konvenuta tghid li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ser ikun ta' pregudizzju ghaliha, minhabba li ma tafx ser jigi min-negozju gestit mill-attur, tenut kont li, l-attur ilu zmien twil jghix ma' mara ohra, u wkoll tenut kont li, skond hi, diga` sar tbaghbis u falsifikazzjoni fl-investimenti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti biex parti minnhom gew mibjugha minghajr il-firma taghha, hi ma ressqet ebda prova biex tissostanzja dak minnha allegat. L-oneru tal-prova tal-pregudizzju mhux proporzjonat jirrisjedi fuq minn qed jallegah, f'dan il-kaz, il-konvenuta u ghalhekk hi ghandha l-oneru li tressaq provi in sostenn ta' dak allegat minnha. Fir-rigward, il-konvenuta baqghet mankanti, minkejja li l-kawza ilha ghall-provi tal-konvenuta mid-9 ta' Frar 2017.

17. Fit-tieni lok tosserva li l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni tirreferi ghall-futur u mhux ghall-passat, b'mod li dak li setghu ghamlu z-zewg partijiet qabel id-data li fiha tkun inghatat l-ordni ma jippregudikax is-sehem taghhom mill-istess komunjoni. Il-partijiet ghandhom id-dritt li jibqghu jressqu provi dwar l-assi tal-komunjoni ezistenti sa dik id-data,

anke wara li tkun inghatat l-ordni tal-waqfien. Barra minnhekk il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, taht it-Titolu VI intestat **"Fuq l-Atti Kawtelatorji"** jaghti rimedji legali sabiex il-partijiet jiehdu l-mizuri biex jissalvagwardjaw l-interessi taghhom vis-à-vis il-komunjoni tal-akkwisti. Ghalhekk il-konvenuta dejjem ghandha dawn ir-rimedji kawtelatorji biex tissalvagwardja sehemha mill-assi tal-komunjoni.

18. Fit-tielet lok mill-provi jirrizulta pacifiku li l-konvenuta baqghet tghix fid-dar matrimonjali [villa] bi spejjez imhallsin mill-attur li inoltre jivversalha manteniment mensili ghal ghejxien taghha ta' €1,000 fix-xahar u ghalhekk, minghajr pregudizzju ghad-dritt taghha li titlob awment fil-manteniment jekk ikun opportun, din il-Qorti ma tarax li f'dan l-istadju l-konvenuta ser tbati pregudizzju mhux sproporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni.

19. Ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti ma tistax taqbel mal-motivazzjoni tal-ewwel Qorti li abbazi taghhom cahdet it-talba tal-attur fuq il-konsiderazzjonijiet li *"hemm certi perikoli x'jista' jsir bin-negozju"* u ghax *"ghadu mhux stabbilit definittivament il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti."*

20. Ghaldaqstant l-aggravji huma gustifikati u qed jigu milqugha.

Decide

Ghar-ragunijiet premessi tilqa' l-appell tal-attur, tirrevoka s-sentenza appellata u tilqa' t-talba tal-attur ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, mid-data tallum.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr